

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Finnegan u M. Chavrier, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Aresu, J. Enegren u S. Pardo Quintillán, aġenti)

### **Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq huwa kkundannat għall-ispejjeż.
- 3) L-Irlanda u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 114, 20.04.2013.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-18 ta' Diċembru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden – il-Pajjiżi l-Baxxi) – Staatssecretaris van Financiën vs X**

(Kawża C-87/13) (<sup>1</sup>)

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Libertà ta' stabbiliment — Leġiżlazzjoni fiskali — Taxxa fuq id-dħul — Persuna taxxabbi mhux residenti — Possibbiltà ta' tnaqqis ta' spejjeż marbuta ma' monument storiku okkupat mill-proprietarju tiegħu — Possibbiltà ta' tnaqqis eskluża fir-rigward ta' monument għas-sempliċi raġuni li l-monument ma huwiex ikklassifikat fl-Istat ta' impożizzjoni filwaqt li huwa kklassifikat fl-Istat ta' residenza)**

(2015/C 065/04)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

### **Qorti tar-rinviju**

Hoge Raad der Nederlanden

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Staatssecretaris van Financiën

Konvenut: X

### **Dispożittiv**

L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippreklidix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tirriżerva, billi tinvoka l-protezzjoni tal-patrimonju kulturali u storiku nazzjonal, il-possibbiltà li jintaqqsu l-ispejjeż relatati mal-monumenti kklassifikati għall-proprietarji ta' monumenti li jinsabu fit-territorju tiegħu biss, sakemm din il-possibbiltà tkun mistuha għall-proprietarji ta' monumenti li jistgħu jkunu marbuta mal-patrimonju kulturali u storiku ta' dan l-Istat Membru minkejja l-fatt li jkunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

(<sup>1</sup>) ĠU C 141, 18.05.2013.